MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 680/2004

**Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Hamed Wagdi**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2004 fejn tablet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u sebgha u tmenin lira (Lm687.00) rapprezentanti kont illi ghadu dovut in konnessjoni ma' client contract number number 141011 relattivament ghax-xhur bejn Mejju 2003 u Lulju, 2003.

Ra illi l-konvenut ikkontesta t-talba attrici permezz tar-risposta tieghu datata 30 ta' Settembru, 2004 fejn allega illi l-ammonti ma kienux dovuta in vista ta' pagamenti li saru mill-istess konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti mill-istess konvenut bhala Dok A u Dok B.
Sema' x-xhieda tal-PL Peter Sammut li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum u kif ukoll illi l-pagamenti maghmula mill-konvenut ghar-rigward il-pretenzjoni odjerna kienu jirreferu ghal kontijiet precedenti ghal dawk odjerni.

It-Tribunal jinnota illi l-kazijiet fejn qed jigi ecepit l-eccezzjoni tal-pagement fl-oneru tal-prova rispetta lill-konvenut biex igib tali prova.  Illi fil-kaz in ezami ghalkemm il-kaz gie differit diversi drabi ghal provi tieghu fuq l-eccezzjoni illi huwa ressaq, huwa naqas li jaghmel dan.

In vista ta' din il-konsiderazzjoni u in vista tax-xhieda moghtija mill-PL Peter Sammut fis-seduta tal-lum, fejn spjega wkoll dwar l-ircevuti esebiti mill-istess konvenut fir-risposta tieghu, l-istess Tribunal mhux sodisfatt mill-eccezzjoni mressqa mill-istess konvenut dwar l-allegat pagament da parti tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta' sitt mija u sebgha u tmenin lira (Lm687.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------